MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 1115/2014

**Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali bin-numru 3600/14**

**datata 12 ta' Novembru 2014 fl-ismijiet:**

**Dino Fino (223679M)**

**vs**

**Cassar & Schembri (Marketing) Limited (C33174)**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-5 ta' Diċembru 2014 mis-soċjetà intimata Cassar & Schembri (Marketing) Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa "is-soċjetà intimata"), fejn, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni taż-żewġ kambjali annessi mal-Ittra Uffiċjali Nru. 3600/2014 li komplessivament jammontaw għal €67,278, liema kambjali immaturaw it-tnejn li huma fit-2 ta' Lulju, 2014. Ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà intimata jgħid dan li ġej:

*Illi s-soċjetà intimata (recte) rċeviet l-preċitata ittra uffiċjali fejn l-attur qed jipprova jakkwista titolu eżekuttiv kontra tiegħu bis-saħħa ta' żewġ kambjali annessi mal-istess ittra li komplessivament jammontaw għal €67,268 liema kambjali mmaturaw it-tnejn fit-2 ta' Lulju 2014;*

*Illi s-soċjetà intimata (recte) qiegħda tikkontesta l-eżekuzzjoni tal-imsemmija kambjali in vista tal-fatt illi jeżistu raġunijiet gravi u validi għal tali oppożizzjoni ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dana kif ser jiġi indikat hawn taħt:*

a) *Prelimarjament is-soċjetà intimata (recte) qed tiddubita dwar il-veraċità u l-validità ta' dawn il-kambjali minħabba li safejn jaf ir-rappreżentant, hi qatt ma kienet a konjizzjoni ta' dawn il-kambjali u lanqas taf lil Ian Azzopardi (Dino Fino skont kif korrett b'digriet tal-14 ta' Jannar 2015);*

b) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-istess soċjetà m'għandha l-ebda ħjiel għal dak li jistgħu jirrappreżentaw l-ammonti mitluba lilha;*

c) *Illi inoltre s-soċjetà intimata (recte) mhijiex f'pożizzjoni li taċċerta ruħha dwar il-firma fuq l-istess kambjali b'dana illi hemm possibbiltà kbira illi il-firem ta' dawn il-kambjali, mhumiex ta' rappreżentant ta' Cassar and Schembri (Marketing) Limited.*

*Għaldaqstant is-soċjetà intimata (recte) titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġuni jew raġunijiet premessi, tissospendi l-eżekuzzjoni tal-imsemmija kambjali in toto u dan ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan taħt kwalsisasi provvediment li jistgħu jidhrulha opportuni.*

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Diċembru, 2014, li bih ordnat in-notifika ta' Dino Fino (K.I. 223679M) u tagħtu erbat (4) ijiem żmien biex iwieġeb bil-miktub.

Rat it-Tweġiba Maħlufa ta' Dino Fino ppreżentata fid-19 ta' Diċembru, 2014 fejn, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab lill-Qorti sabiex tiċħad bis-sħiħ it-talba tas-soċjetà intimata bħala frivola u nfondata fl-ambitu tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-Risposta Maħlufa ta' Dino Fino tgħid hekk:

*1. Illi primarjament, jinnota illi s-soċjetà intimata (recte) ma qiegħda tikkontesta l-ebda aspett formali taż-żewġ kambjali li komplessivament jammontaw għas-somma ta' €67,268 u li mmaturaw nhar it-2 ta' Lulju 2014.*

*2. Illi preliminarjament, l-esponenti ma jistax jifhem ir-referenza għal ċertu Ian Azzopardi li fir-rikors ġuramentat tagħha s-soċjetà intimata ddikjarat illi "lanqas taf lil Ian Azzopardi"; l-esponenti jiddikjara, għal kull buon fini, li lanqas hu ma jaf lil dan il-persuna.*

*3. Illi l-oppożizzjoni tas-soċjetà Cassar & Schembri (Marketing) Limited għall-eżekuzzjoni tal-kambjali surriferiti huma kompletament frivoli, inveritieri u infondati u din l-azzjoni hija biss oppożizzjoni kapriċċjuża intiża sabiex tivvessa lill-esponenti stante li s-soċjetà intimata mhix iġġib raġunijiet gravi u validi skont il-proviso tal-artikolu 253(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*4. Illi s-soċjetà intimata mhix kredibbli meta tgħid illi ma kinitx a konjizzjoni tal-istess kambjali. Il-kambjali surriferiti huma ċarament iffirmati minn Ryan Schembri (K.I. Nru. 450878M) li dakinhar illi nġibdu (recte) l-kambjali, jiġifieri nhar it-2 ta' April 2014, huwa kien (fil-fatt għadu sal-ġurnata tal-lum) jokkupa l-pożizzjoni ta' direttur u rappreżentant legali tal-istess soċjetà intimata. Skont il-klawżola 11 tal-Memorandum of Association tas-soċjetà intimata (estratt ta' liema Memorandum of Association ġiet annessa ma' din ir-risposta u mmarkat bħala "DF01") ir-rapprezentanza legali tal-istess soċjetà hija vestita fi kwalunkwe direttur tal-istess soċjetà. Għaldaqstant, Ryan Schembri kien awtorizzat li waħdu jirrappreżenta u jorbot b'għemilu lis-soċjetà intimata.*

*5. Illi x'jirrappreżentaw l-ammonti msemmija fil-kambjali huwa assolutament irrilevanti għaliex hekk kif ġja ppronunċjat ruħha din l-Onorabbli Qorti diversi drabi, inkluż fid-deċiżjoni reċenti tagħha* ***Joseph Mamo vs Joseph Zammit*** *(Rikors Numru 981/2013) deċiża fil-15 ta' Lulju 2014):*

> *"il-kambjala għandha ħajja indipendenti minn kwalsiasi debitu u minn kwalsiasi tranżazzjoni kummerċjali oħra u dan kif ġie deċiż fil-kawża* ***Charles Gatt vs Joseph Vassallo Gatt*** *– deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-15 ta' Novembru, 1993, fejn il-Qorti rriteniet illi "appena kambjala tiġi ammessa, tiġi kkreata obbligazzjoni ad hoc għal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setgħet tippreċedieha".*

*6. Għaldaqstant ġaladarba l-aspetti formali tal-kambjala mhumiex ikkontestati (u għalhekk huma sodisfatti), ma tista' ssir l-ebda indaġini fuq il-mertu tal-kambjali.*

*7. Illi s-soċjetà intimata ma tistax tressaq bħala raġuni "gravi u valida" (jiġifieri hekk kif rikjest mil-liġi) il-fatt li hi ma tistax taċċerta li l-firma hija ta' rappreżentant tas-soċjetà intimata għaliex hemm "possibbiltà kbira illi il-firem ta' dawn il-kambjali mhumiex ta' rappreżentant" tas-soċjetà intimata. Fuq kollox, il-kambjali surriferiti ġew iffirmati minn direttur u rappreżentant legali tas-soċjetà intimata fil-preżenza tal-esponenti u għaldaqstant ma jistax ikun hemm dubju li l-firma mhix ta' rappreżentant tas-soċjetà intimata.*

*8. Illi wara li jerġa' jisħaq dak ribadit supra, l-esponenti hu ta' fehma konvinta li dina l-Onorabbli Qorti għandha tirrespinġi bis-sħiħ bħala frivola u infondata, fl-ambitu tal-artikolu 253(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), l-oppożizzjoni tas-soċjetà intimata għall-eżekuzzjoni tal-kambjali u illi s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni għandha tintrefa' minnufih.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata (recte) li qiegħda minn issa stess tiġi inġunta għas-subizzjoni tagħha. L-esponenti jirriserva d-drittijiet kollha tiegħu fil-liġi fil-konfront tas-soċjetà intimata (recte).*

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Diċembru, 2014 li bih il-Qorti appuntat ir-Rikors għas-smigħ għas-seduta tal-14 ta' Jannar, 2015.

Rat l-atti tal-Ittra Uffiċjali u tar-Rikors.

Semgħet ix-xhieda ta' Etienne Cassar, rappreżentant u direttur tas-soċjetà intimata.

Semgħet ix-xhieda ta’ Dino Fino.

Semgħet l-avukati tal-partijiet jittrattaw.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta’ Jannar, 2015 fejn ħalliet ir-Rikors għal provvediment għas-seduta tat-13 ta’ Frar, 2015.

**Ikkunsidrat:**

Tqis illi din hija proċedura ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta fejn kambjali jew *promissory notes* maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13 tal-Liġijiet ta’ Malta) jitqiesu bħala titoli eżekuttivi sakemm il-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew *promissory note*, b’digriet li ma jkunx appellabbli, ma tkunx issospendiet l-eżekuzzjoni ta’ dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f’parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta’ dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* eżegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f’dak il-każ biex persuna teżiġi l-ħlas ta’ dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tipproċedi b’kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Tqis illi din hija proċedura preliminari ta’ verifika fejn il-Qorti tista’ tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta’ kambjala jew *promissory note* bħala titolu eżekuttiv f’każ li minn din il-proċedura preliminari jirriżulta *prima facie* (i) illi l-firma fuq il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx ta’ min ikun qed jopponi għall-eżekuzzjoni tagħha jew tar-rappreżentant tiegħu; jew (ii) ikunu jeżistu raġunijiet oħra gravi u validi biex issir oppożizzjoni għal dik l-eżekuzzjoni. F’każ li l-Qorti tordna s-

sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala ai termini tal-Artikolu 253(e), biex wieħed jeżiġi l-ħlas tal-kambjala dan ikollu jiftaħ kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Tqis li in kwantu għall-firma fuq il-kambjala, is-soċjetà intimata tgħid illi mhijiex f'pożizzjoni li taċċerta ruħha dwar il-firma fuq l-istess kambjali peress li tallega illi hemm possibbiltà kbira illi il-firem fuq dawn il-kambjali, mhumiex ta' rappreżentant ta' Cassar & Schembri (Marketing) Limited.

Madankollu fix-xhieda tiegħu Etienne Cassar[1], ir-rappreżentant tas-soċjetà intimata, stqarr illi ma jistax jeskludi illi l-firma fuq il-kambjali hija dik awtentika ta' Ryan Schembri.

Tqis illi s-soċjetà intimata isejjes it-talba tagħha għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali biss fuq dubji jew suspetti minħabba d-diffikultà li hija għandha biex tagħmel l-aċċertamenti tagħha dwar l-awtentiċità tal-firem fuq il-kambjali. Is-soċjetà intimata tgħid ukolli li hija m'għandha l-ebda ħjiel għal dak li jistgħu jirrappreżentaw l-ammonti mitluba lilha fuq il-kambjali.

Tqis illi l-problemi interni li seta' kien hemm bejn id-diretturi tas-soċjetà intimata, in-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn id-diretturi, li wieħed mid-diretturi seta' kien qiegħed jikkonduċi ċertu negozju tal-kumpannija minn wara dahar id-direttur l-ieħor, huma kollha ċirkostanzi li legalment m'għandhom bl-ebda mod jinċidu fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li saru ma' terzi li daħlu *in bona fide* f'negozju mas-soċjetà intimata tramite ir-rappreżentant awtorizzat tagħha.

Tqis illi ma saret ebda prova, imqar waħda *prima facie,* li l-firma fuq il-kambjali mhijiex dik awtentika ta' Ryan Schembri. Etienne Cassar fix-xhieda tiegħu pprova jikkorrabora s-suspetti u d-dubbji mqanqla minnu f'dan ir-rigward, billi esebixxa kwerela li ippreżenta fit-22 ta' Ottubru 2014 fejn allega li Schembri kien iffalsifika l-firma tiegħu.

1 A fol. 16 tal-proċess.

Billi allega li Ryan Schembri kien ffalsifika l-firma tiegħu fuq xi dokumenti oħra li m'għandhomx x'jaqsmu ma' din il-kawża, Etienne Cassar bl-ebda mod ma xejjen jew ikkontradixxa x-xhieda ta' Dino Fino[2], li kkonferma bil-ġurament illi l-kambjali kienu ġew iffirmati minn Ryan Schembri, li fil-mument li nġibdu l-kambjali kien direttur u rappreżentant legali tas-soċjetà intimata, kif fil-fatt għadu sallum.

Tqis ukoll li s-soċjetà intimata ma resqet ebda prova illi jeżistu raġunijiet gravi u validi għal oppożizzjoni ai termini tal-Artikolu 253(e), ħlief li l-istess soċjetà intimata m'għandha ebda ħjiel għal dak li jistgħu jirrappreżentaw l-ammonti mitluba lilha minn Dino Fino.

Tqis illi l-liġi ma tispeċifikax x'inhuma r-raġunijiet gravi u validi u dan ma sarx b'xi nuqqas tal-leġislatur, iżda intenzjonalment għax il-leġislatur ried iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema każijiet għandha tilqa' t-talba jew le. "Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċjożament topponi tali eżekuzzjoni"[3].

Min-naħa tiegħu Dino Fino jsostni li dak li jirrappreżentaw l-ammonti msemmija fil-kambjali huwa assolutament irrilevanti għaliex "il-kambjala għandha ħajja indipendenti minn kwalsiasi debitu u minn kwalsiasi tranżazzjoni kummerċjali oħra"[4].

Madankollu, skont il-ġurisprudenza prevalenti tal-Qrati tagħna, sabiex kambjala takkwista natura awtonoma u ħajja indipendenti mill-obbigazzjoni li tat lok għalija, din trid tkun ġiet ġirata favur terzi akkwirenti:

> *"Din il-Qorti trid tirrimarka ukoll li meta kambjala tibqa' fil- patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (ċjoè ma tiġix ġirata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok għall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun ġirata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li joħroġ u*

[2] A fol. 32.
[3] **Giovanni Briffa vs. Ronald Azzopardi** - PA deċiża fil-5 ta' Frar, 2008.
[4] **Joseph Mamo vs. Joseph Zammit** - PA deċiża fil-15 ta' Lulju 2014.

*jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu magħruf, ma toħloqx novazzjoni; meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tiġi distakkata mill-obbligazzjoni oriġinali.*

*L-iskop ta' kambjala hija li tista' tiġi ġirata malajr u meta tiġi ġirata takkwista karattru awtonomu. Mingħajr kambjala, kreditur jista' jagħmel kuntratt ta' ċessjoni ta' dritt taħt il-liġi ċivili, però, fil-konfront tat-terz akkwirent, id-debitur xorta jkun jista' jissolleva eċċezzjonijiet li jolqtu n-negozju. Għalhekk, għall-kreditur, dan id-dritt ta' ċessjoni ma tantx hu effettiv għax ma tantx issib nies lesti jieħdu kreditu ta' ħaddiehor, u fl-istess ħin jibqgħu esposti għall-kwistjonijiet inerenti għall-obbligazzjoni li għalih ma kienux parti. Għalhekk inħolqot il-kambjala. Peress li minn jixtri kambjala, qed jixtri titolu ta' kreditu awtonomu, jaf li kwistjonijiet naxxenti mill-obbligazzjoni li wasslet għal dak il-kreditu, jibqgħu estranei għalih, għax hu, bħala terz akkwirent, jista' jfittex biss fuq il-kambjala. Bejn il-partijiet, però, il-kambjala m'għandux ikollha din in-natura għax il-kambjala tkun biss prova tad-dejn li inħoloq bejn l-istess partijiet, u allura l-obbligazzjonijiet reċiproċi tal-istess partijiet huma rilevanti għal kull kawża li ssir għall-ħlas. Fi kliem ieħor, azzjoni fuq kambjala bejn il-partijiet li ħarġu l-istess, ma tistax timxi waħedha mingħajr riferenza għall-ftehim li wassal għall-ħruġ tagħha (ara **"Scicluna vs. Vella",** Qorti tal-Kummerċ, 18 ta' Marzu, 1965)"[5].*

Għalhekk il-kambjali in kwistjoni f'dan il-każ ma akkwistawx natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok għall-istess kambjali, peress li dawn ma ġewx ġirati favur terzi u baqgħu għand il-kreditur tal-obbligazzjoni. Però fil-fehma ta' din il-Qorti il-fatt li is-soċjetà intimata kif inhi mmexxija llum, mhijiex f'pożizzjoni li tivverifika x'jirrappreżentaw l-ammonti mitluba lilha mill-kreditur, dan ma jaħtix għalih il-kreditur, imma huwa konsegwenza tal-problemi interni li kien hemm u għad hemm fi ħdan it-tmexxija tas-soċjetà intimata.

Tqis illi l-kreditur bil-ġurament tiegħu ikkonferma li l-obbligazzjoni li tat lok għall-kambjali in kwistjoni kien self għall-istess ammont indikat fil-kambjali, li huwa għamel lis-soċjetà intimata kif legalment rappreżentata minn Ryan Schembri.

Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata twieġeb għal dan billi tgħid illi llum ma tinsabx f'pożizzjoni li tivverifika jekk dan huwiex minnu jew le. Ġaladarba il-kambjali ġew debitament iffirmati minn persuna li kellha u għad għandha r-rappreżentanza legali tas-soċjetà intimata u li setgħet torbot

[5] **John Giordmaina et. vs. Joseph Pace et. -** PA 16 ta' Jannar, 2003.

dik is-soċjetà, il-Qorti tqis li ma teżistix xi raġuni gravi u valida skont il-proviso tal-artikolu 253(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) li tiġġustifika s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni taż-żewġ kambjali annessi mal-Ittra Uffiċjali Nru. 3600/2014.

**Decide**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qegħda tiċħad bħala nfondata fl-ambitu tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-talba tas-soċjetà intimata għas-sospensjoni taż-żewġ kambjali annessi mal-Ittra Uffiċjali Nru. 3600/2014, u għalhekk tiddikjara li m'għandux ikun hemm is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-istess kambjali. L-ispejjeż kollha ta' din il-proċedura jitħallsu mis-soċjetà intimata Cassar & Schembri (Marketing) Limited.**

Moqrija

**Onor. Dr. Lawrence Mintoff LL.D.**

**Imħallef**

**Frederick Stagno Navarra**

**Dep. Reġ.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------